MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## GRAZIELLA BEZZINA

Seduta tad-19 ta' Gunju, 2015

Talba Numru. 639/2014

**GO plc**
**C-22334**

**vs**

**Dimech Joseph (ID328450-M) a nom**
**u in rapprezentanza tas-Socjeta'**
**J D Lifts Supplies Limited**
**(C-12029)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-Socjeta' attrici iddikjarat illi s-Socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija u disgha u erbghin Ewro u sitt centezmi (€949.06c) in konnessjoni ma' servizz bin-numru 21432354 (AC10180149).

Illi interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, is-Socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-Socjeta' konvenuta li hija ngunta ghas-Subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, u bl-imghaxijiet legali sa mid-data tal-prezentata ta' din il-kawza.

Ra d-dokumenti li gew ipprezentati mal-Avviz tat-Talba, u li gew immarkati minn Dok.'A' sa Dok.'D'.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-Socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher rapprezentant taghha ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li rapprezentant tas-Socjeta' konvenuta naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-Socjeta' konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma ta' disa' mija disgha u erbghin Ewro u sitt centezmi (€949.06c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tas-Socjeta' konvenuta.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------